MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1479/2002/1

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***Christopher Borg***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' sbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm17.16c), rappresentanti kwantu ghal erbatax-il lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm14.92c), *Royalty* u zewg liri u erbgha u ghoxrin centezmu (Lm2.24c), Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *Royalty* dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Nru.011072 esibit ma' l-avviz bhala Dokument "A",

rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment *Hard Rock Snack Bar*, Qormi, ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar 2002 sal-5 ta' Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu 2002, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Angela Sciberras ghan-nom tas-socjeta' attrici nomine , li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' sbatax-il lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm17.16c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**